Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,545, 24 ta' Diċembru, 2020
Taqsima B

A.L. 476 tal-2020

ORDINANZA DWAR L-ESPLOŻIVI
(KAP. 33)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 33. 03.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Il-partita 6 tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu (f) tagħha għandu jiġi mħassar; u

(b) il-paragrafi (g) u (h) tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdida bħala l-paragrafi (f) u (g) rispettivament.